MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 192/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Zammit**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Zammit talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Ottubru 2009 u Jannar 2011 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Khadiya Salouani u/jew lil uliedhom is-somma fil-gimgha ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/ jew ghall- ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' April 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi John Zammit hati u kkundannatu xahrejn prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' John Zammit ipprezentat fl-14 ta' April 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti tal-htija, pero` thassar u tirrevoka l-parti fejn ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija u taghti piena aktar moderata u idonea ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li jikkontendi hi harxa wisq. L-appellant jghid illi huwa ma jahdimx u m'ghandux mezzi finanzjarji. Huwa ammetta mill-ewwel u ma hallasx mhux ghax ma riedx izda ghax ma setax. Ilu hafna zmien ifittex xoghol izda minhabba l-eta` tieghu mhuwiex facli. Ghandu dejn kbir mal-Bank u ma' terzi. Meta jezercita l-access tieghu, hu jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri u mhux fl-interess taghhom li missierhom jehel piena karcerarja. Dan hu kaz genwin. Lanqas ghandu post fejn jghix u fil-fatt jghix go garaxx. Din hi l-ewwel darba li nstab hati li naqas li jhallas il-manteniment u l-fedina penali tieghu hi netta. Omm uliedu tahdem bhala *hairdresser* izda ma jistax jitlobha manteniment stante li mhumiex mizzewgin. Hi tixtieq tmur tghix il-Marokk mat-tfal u ghandha l-intenzjoni taghmel hekk f'kaz li jkun fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Fil-fatt diga` talbet il-Qorti tal-Familja biex issifirhom lejn il-Marokk izda t-talba giet michuda.

**6.** Issa, fil-mori ta' dan l-appell l-appellant hallas is-somma kollha dovuta skond ic-citazzjoni. L-ahhar pagament fil-fatt thallas fis-seduta tallum u l-*parte civile* ddikjarat li m'ghandhiex aktar interess fil-proceduri odjerni. L-

imputazzjoni dedotta mhijiex, min-natura taghha, rinunzjabbli. Izda, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahrejn prigunerija u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur millum. Din il-qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------